MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Avviz Numru. 109/2008

**Angelo Schembri**

**vs**

**Alexander Sciortino**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz tal-attur pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar 2008 fejn talab lil Qorti sabiex tordna lil konvenut ihallsu s-somma komplessiva ta' tmint elef, mija u tnejn u hamsin euro u wiehed u tmenin euro centezmu (€8152.81) rappresentanti danni ammont bilancjali misluf lilu skond skrittura privata datata disgha (9) ta' Dicembru 2004 kif wkoll l-imghaxijiet legali dekorribbli skond l-istess skrittura sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Ittra Legali tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2008, tat-taxxa fuq l-valur mizjud in

konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Alexander Sciortino ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hdax (11) ta' Lulju 2008 fejn eccepixxa:-

1.Illi t-talba attrici kif dedotta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt w ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur nomine stante li l-attur qatt ma ssottoministra ebda self a favur tar-rispondent;

2.Illi ghaldaqstant il-*causa* tal-iskrittura privata datata disgha (9) ta' Dicvembru 2004, li fuqha l-attur qieghed isejjes l-pretenzjoni w it-talba tieghu, hija wahda falza stante li n-negozju li verament kien hemm bejn l-attur w ir-rispondent, qatt ma kien wiehed ta' *mutuum* izda ta' kiri ta' vettura mill-attur lir-rispondent, liema vettura effettivament inxtrat mill-istess rispondent;

3.Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jkunu permessibbli skond l-ligi.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hdax (11) ta' Gunju 2009.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti esibiti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hdax ta' Gunju 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar il-wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2008, xehed l-attur **Angelo Schembri** (fol. 14) fejn qal li fid-disgha (9) ta' Dicembru 2004, hu kien ghamel skrittura flimkien ma Alexander sive Alex Sciortino dwar self ta' flus ta' hamest elef u hames mitt lira maltin u hu kien obbliga ruhu li jhallsu lura tali somma sa sentejn wara bla imghaxx, jigifieri sad-disgha (9) ta' Dicembru 2006. Qal li l-iskrittura giet iffirmata quddiem in-Nutar Mario Bugeja u esibixxa kopja tal-istess skrittura bhala Dok. SP (fol. 16). Spjega li

minn din is-somma ta’ hamest elef u hames mitt lira maltin, l-konvenut gia hallsu lura s-somma ta’ elfejn lira maltin w ghalhekk baqa bilanc ta’ tlett elef u hames mitt lira maltin ekwivalenti ghal tmint elef mija tnejn u hamsin euro u wiehed u tmenin euro centezmu (€8152.81). Qal li l-konvenut kien hallsu s-somma ta’ elfejn lira maltin fit-tmienja w ghoxirn (28) t’Awwissu 2007 permezz ta’ cekk mahrug mill-HSBC Bank Zebbug branch. Zied jghid li s-somma tirrapprezenta bejgh ta’ truck li hu kien kera lil konvenut qabel w ghalhekk bil-kalkoli li ghamel u li l-konvenut qabel maghhom, l-ammont kellu jkun dak imsemmi fl-iskrittura. Mistoqsi ghaliex l-konvenut ma hallsux il-kumplament, x-xhud wiegeb li ma kienx tah raguni ghaliex. Qal li hu kien dejjem icempel lil konvenut u da kien jghidlu jiskuzah w il-flus baqa ma gabhomx. Ix-xhud esibixxa kopja miktuba mill-prokuratur legali tieghu bhala Dok. SP 1 (fol. 17). Qal li ghal din l-ittra hu qatt m’ircieva risposta. Qal li hu spiss kien icempel lil konvenut sabiex jigbor flusu lura pero kien dejjem ghalxejn.

Illi nhar s-sitta (6) ta’ Novembru 2008 xehed n-**Nutar Mario Bugeja** (fol. 19) prodott mill-attur fejn meta gie muri l-iskrittura privata ta’ self esibita bhala Dok SP a fol 17 tal-atti, ikkonferma li din giet redatta minnu fil-presenza taz-zewg persuni hemm imsemmija u cioe Angelo Schembri u Alex Sciortino. Ikkonferma l-firma tieghu fuqha kif wkoll dik tal-partijiet imsemmija.

Illi l-konvenut Alexander Scioortino, permezz ta’ nota ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-ghoxrin (20) t’April 2009 (fol. 22) ippresenta l-affidavit tieghu fejn jghid li hu sar jaf lil attur fiz-zmien meta hu kien jahdem ghal rasu bhala *pole erector* u cioe jwahhal l-arbli tad-dawl ghal Enemalta. Jghid li kien ghamel zmien jahdem mal-attur u dan minn mindu kien l-iskola sekondarja fejn kien hadem mieghu biss fix-xhur tas-sajf qabel reġgħet bdiet l-iskola. Jghid li wara baqghu hbieb ghaliex l-attur jghix fejn ghandu r-raba missieru. Jghid li l-attur kien offrielu jahdem xi xoghol ta’ twahhil t’arbli peress li ghar-ragunijiet tieghu, hu ma setghax ikompli b’dan x-xoghol. Spjega li l-ftehim kien li x-xoghol jiehu *over* tieghu bhala konvenut

bil-patt li jkompli juza t-*truck* tal-attur u jaghtih mitt lira maltin fil-gimgha bhala kera ghat-*truck*. Jghid li fir-realta, dan kien aktar forma ta’ kumpens ghaliex *truck* jinkera inqas minn hekk. Il-konvenut ikompli jghid li t-*truck* kien isewwieh hu kull meta kien ikollu xi hsara, pero suppost l-*insurance* kellu jiehu hsiebha l-attur, pero meta darba inqala incident, fejn intlaqtu xi *cables* tal-Maltacom, skopra li t-*truck* ma kienx kopert bit-*tool of trade insurance* kif kien suppost. Jghid li ghalhekk hu rrifjuta li jhallas lil attur l-arretrati li kellu jaghtih ghal kiri tat-*truck* ghaliex kawza ta’ dan l-incident u tal-fatt li l-attur naqas milli jaghmel *tool of trade insurance* ghal dan t-truck, hu bhala konvenut, kien sofra danni enormi. Il-konvenut ikompli jghid fl-affidavit tieghu, li fir-rigward l-iskrittura esibita mill-attur, hu jtenni li mhux minnu li qatt ma kien hemm xi kuntratt ta’ self ta’ flus bejnu u bejn l-attur fis-sens li mhux minnu dak li hemm fl-iskrittura li l-attur kien sellfu xi flus. Jghid li n-negozju bejiethom kien kif spjegat minnu fl-istess affidavit w ghalhekk hu m’ghandu jaghti xejn lil attur ghal xi flus allegatament mislufa lilu.

Illi nhar t-tmintax ta’ Mejju 2009 xehed in kontr’ezami **l-attur Angelo Schembri** (fol. 26) fejn qal li hu minnu li hu kellu xi xoghol mal-Enemalta sabiex jibni u sabiex iwahhal l-arbli tad-dawl. Qal li fil-fatt kien hemm xi zmien meta l-konvenut kien ghadu tifel u kien jahdem mieghu, pero wara marad u kellu bzonn jaghmel zewg operazzjonijiet u waqaf milli jaghmel dan x-xoghol. Qal li huwa minnu wkoll li kien ghamel ftehim mal-attur sabiex jikrilu t-*truck* tieghu u kienu ftehmu li l-attur kellu jhallsu mitt lira fil-gimgha bhala kera ghal uzu tat-*truck*. Qal li pero, r-responsabbilita ghal tiswija fuq t-*truck*, waqt li kien fil-pussess tal-konvenut, kienet wkoll tal-konvenut. Qal li pero l-hlas tat-*tool of trade licence*, baqghet fuqha u kellu jhallasha hu bhala attur. Qal li fil-fatt, l-konvenut kellu incident fejn laqghat xi *cables* pero l-polza ta’ sigurta li kien hemm, ma kienetx tkoprih. Jghid li l-konvenut kien jaf x’tip ta’ polza kien hemm u fil-fatt ikompli jghid li m’hawnx polza wahda li tkopri dak x-xoghol li jsir taħt l-art. Qal li hu ma jafx li l-konvenut gie kkundannat ihallas xi danni kbar. Qal li llum il-gurnata l-konvenut ghandu jaghtih kemm kirjiet b’lura ta’ dan t-*truck* kif wkoll dwar

bejgh li kien ghamillu tal-istess *truck*. Qal li meta sar dan l-bjegh ezatt ma jafx pero jahseb li xi hames snin qabel. Qal li self ta' flus lil konvenut qatt ma ta. Qal li l-flus li l-konvenut kellu jaghtih kienu dwar kera b'lura u ta' bejgh tat-*truck*. Qal li l-ammonti ta' kera b'lura u ta' bejgh tat-*truck* jammontaw ghal hamest elef u hames mitt lira maltin. Qal li sussegwentement kienu ftehmu bejniethom w ghamlu kitba li fil-fatt dawn il-flus huma dovuti mill-konvenut lil attur bhala self u kien taha sentejn zmien lil konvenut bla imghaxx u malli kellhom jghaddu dawn is-sentejn, l-konvenut kellu jaghtih din is-somma flus lura bl-imghaxx u cioe mid-data li kien tahomlu u dan skond l-iskrittura esibita fl-atti. Qal li pero self per se, qatt ma kien hemm. Qal li mill-hamest elef u hames mitt lira maltin li l-konvenut kellu jaghtih, dan tah biss elfejn lira maltin w ghalhekk baqghalu bilanc ta' tlett elef u hames mitt lira maltin, naturalment bl-imghaxxijiet. Qal li ghamilhomlu self sabiex jaghtih cans javvanza u jkun f'posizzjoni li jhallsu. Qal li l-konvenut qatt ma qallu ghaliex ma riedtx ihallsu u dejjem kien jghidlu li kellu bzonn idahhal l-flus.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza titratta fuq talba tal-attur sabiex jithallas is-somma ta' tlett elf u hames mitt lira maltin (LM3,500) ekwivalenti ghal €8152.81 minghand il-konvenut skond skrittura redatta minn Nutar Mario Bugeja nhar id-disgha (9) ta' Dicembru 2004. Illi l-konvenut ma jichadx li ghandu jaghti din is-somma flus, pero jghid li l-*causa* tal-iskrittura hija falza ghaliex in realta self qatt ma kien hemm bejn il-partijiet. Jinghad pero li m'hemmx dubbju li dak li hemm mnizzel fl-iskrittura, tnizzel bi ftehim taz-zewg partijiet u dan konxjentement.

Ghandu jinghad qabel xejn li hu ovvju li l-konvenut, f'tentattiv biex jipprova jehles mill-obbligi kontrattwali tieghu, li hu kien liberament assuma, qed jittanta juza l-karta regina ta' l-illecita tal-kawza fl-iskrittura, li bis-sahha taghha hu akkwista estensjoni fit-terminu sabiex ihallas id-debitu tieghu minghajr interessi. Il-konvenut mhux qed jecepixxi n-nullita tal-iskrittura minhabba kawza llecita.

Mhux qed jippretendi li l-iskrittura ghandha tigi rixissa jew li m’ghandu jkollha ebda effett fil-ligi.

Ghal kuntrarju pero, qed jippretendi li d-debitu li huwa ghandu, ghandu jigi mahfur. Qed jecepixxi li l-attur m’ ghandu l-ebda dritt li jesigi l-pagament tal-bilanc lilu dovut skond din l-obbligazzjoni tal-hlas; obbligazzjoni li hu ma jidhirx li qed jikkonstesta, ghaliex ma jichadx li kien kopartecipi u konsenjenti fiha.

Ovvjament, l-konvenut kien a konoxxenza tal-allegat irregolarita li hu jaddebita lil din l-kontrattazzjoni. Ghandu ghalhekk japplika l-principju li hadd ma ghandu jittanta jiehu vantagg mit-turpitudini tieghu stess. Gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Giovanni Scicluna vs Filippo Abela** (Vol. XXX11.1.174) illi:-

“Imbaghad l-**artikolu 697** tal-istess ligi jghid ukoll li jekk il-kawza tkun illecita ghaz-zewg partijiet hadd minnhom ma jkun jista jippretendi dak li ta lil haddiehor u dan in forza tal-principju guridiku accettat fid-dritt Ruman li ‘*Nemo in foro auditor turpitudinem suam allegari’ u certament tkun turpitudini meta wiehed ikun ghamel haga ipprojbita mill-ligi fl-interess pubbliku anzi li l-ligi televa l-esekuzzjoni ta’ dik il-haga ghar-reat b’sanzjoni punittiva.”*

Principju dan ukoll li gie ribadit f’kawza ohra moghtija wkoll mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Sacerdott Vincenzo Borg vs Giuseppe Camilleri et** (**Vol. XX1X.11.632**) li fiha gie kkunsidrat il-fatt illi l-attur kien qieghed jipprocedi ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni li kienet ibbazata fuq kawza llecita imma li fiha ukoll kien kompartecipi.

Il-Qorti irriteniet li:-

“*Non potrebbe aprirsi l-estatuario della giustizia per coloro che si hano ammesso la giustizia medesima sotto I piedi.”*

Dan qed jinghad sabiex jigi enfasizzat illi d-disposizjonijiet tal-**Artikoli 987 u 991** tal-Kodici Civili m’humiex intizi biex jaghtu xi drittijiet jew vantagg lil min ikun konxjament u

deliberament ikkontratta obbligazzjoni *b'causa illecita* jew kontra l-ordni pubblika, imma kien biss bhala deterrent kontra l-esekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni. Dana billi temaskolhom u tirrendihom bla effett.

"*Hija bla ebda effett kwalunke obbligazzjoni maghmula b'kawza llecita u l-kawza hija llecita meta hija projbita mill-ligi ghal kuntrarju ghal ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali."* (**Vol. XL1.1.694**.)

Hu pertinenti f'dan l-istadju, li jigi sottolieneat illi mhux kull dikjarazzjoni skorretta jew inveritiera, anke jekk volontarja w intiza biex b'xi mod tqarraq f'skrittura li tohloq obbligazzjonijiet, tirrendi dik l-iskrittura b'kawza llecita w allura tirrendiha nulla u bla effett fil-ligi. Hi l-obbligazzjoni nnifisha li trid tkun illecita, pprojbita mill-ligi, kuntrarju ghal ghemil xieraq jew ghal ordni pubbliku. Il-fatt biss li, ghar-ragunijiet taghhom, il-kontraenti jghamlu konxjament fil-kuntratt dikjarazzjonijiet li ma jkunux veritjeri ghal skop ta' vantagg imma li ma jolqtux il-kawza tal-obbligazzjoni nnifisha, ma jrendux lil din l-obbligazzjoni bla ebda effett.

Issa f'dan il-kaz, dak hu proprju dak li ghamlu l-partijiet u dan ghaliex huma ftehmu li joholqu obligazzjoni u cioe dik ta' self sabiex jissanaw obbligazzjoni ta' dejn li l-konvenut kellu ma l-attur. Fl-ebda stanza ma l-konvenut ighid li ma kienx minnu li huwa kellu jaghti lill-attur jew li efettivament hallas id-dejn li kellu. Jghid biss li pero d-dejn li kellu ma l-attur ma kienx wiehed naxxenti minn self izda huwa naxxenti minn obbligazzjoni ta' kirja ta' *truck*.

Ghalhekk ma tista tqum l-ebda kwistjoni dwar l-illecita tal-obbligazzjoni ghaliex din tirrispekkja l-verita u cioe d-dejn esistenti bejn il-partijiet.

L-**Artikolu 987** tal-Kodici Civili jiddisponi s-segwenti:-

"*L-obbligazzjoni minghajr kawza jew maghmula fuq kawza falza jew illecita m'ghandha ebda effett".*

Illi ghalhekk, f'dan il-kaz, peress li dak li gie redatt fl-iskrittura, kien sar bi ftehim bejn il-partijiet, ma jista issa jinghad minn parti, li l-kawza tal-iskrittura hija falza. Din mhiex kwistjoni kif kontemplata fl-Artikolu 985 tal-Kodici Civili u cioe kwistjoni ta' hwejjeg impossibli jew ipprojbiti mill-ligi jew kuntrarju ghal xi ghemil xieraq jew ghal ordni pubbliku jew ma jistax ikun oggett ta' kuntratt.

**Il-Qorti ghalhekk, tiddecidi billi tiddikjara li l-konvenut m'irnexxilux jissostanzja l-eccezzjoni tieghu tal-falsita tal-kawza u konsegwentement, tiddikjara li qed tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attur dik is-somma msemmija fl-avviz ta' tmint elef mija tnejn u hamsin euro u wiehed u tmenin centesmu euro (€8152.81).**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------